**Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva.**

**Ingaġġ mill-Ġdid ta' Uffiċjali Pubbliċi Irtirati/ li ser jirtiraw fil-gradi tan-Nursing jew Midwifery u Ingaġġ ta' Impjegati tan-Nursing jew Midwifery Irtirati/ li ser jirtiraw biex iwettqu dmirijiet fuq bażi full-time/ part-time fis-Servizz Pubbliku ta' Malta**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-feminil*

Is-Segretarju Permanenti (Saħħa) u Segretarju Permanenti (Anzjanità Attiva), Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva jilqaw applikazzjonijiet mingħand

1. Nurses jew Midwives li diġa laħqu l- età tal-irtirar (mhux aktar minn 70 sena) jew
2. Nurses jew Midwives li ħa jilħqu l-età tal-irtirar sal-**31 ta' Diċembru 2026**

Dawn l-infermiera u l-qwiebel irtirati jew li se jirtiraw – kemm jekk uffiċjali pubbliċi attwali jew preċedenti jew individwi li qabel ma servewx bħala uffiċjali pubbliċi – huma mistiedna japplikaw biex iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fuq bażi full-time jew part-time.

Il-kandidati jrid ikollhom l-istess rekwiżiti li s-soltu jkunu meħtieġa għal gradi bħal dawn fis-Servizz Pubbliku ta' Malta inkluż ir-reġistrazzjoni mal-Kunsill għall-Infermiera u Qwiebel Malta u profiċjenza fil-lingwa Maltija u Ingliża.

Persuna magħżula tkun impjegata fuq bażi kuntrattwali ta' sena li jista' jiġi mġedded imma li fl-ebda każ ma jista' jiġi estiż aktar minn perjodu ta' tnejn u erbgħin (42) xahar jew minn meta l-impjegat jilħaq l-età ta' sebgħin (70) sena, skont liema tiġi l-ewwel.

Persuna magħżula titħallas skont ir-regoli u r-regolamenti applikabbli kif stabbiliti mis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u li jirriflettu l-ftehim Settorali tal-Klassi tan-Nursing / Midwives. Persuna magħżula fil-grad ta' Nurse jew Midwife irtirat/li ser jirtira li jirritorna fis-Servizz Pubbliku biex iwettaq dmirijiet fis-Servizz Pubbliku ta' Malta titħallas skont is-Salarju u l-iskala li fiha kienet irtirat / li ser tirtira. Nurses jew Midwives li kellhom kariga maniġerjali qabel l-irtirar tagħhom għandhom jitqiegħdu fil-grad ta' Senior Staff Nurse jew Senior Midwife (kif inhu applikabbli) fuq l-iskala massima 7.

Il-persuna magħżula tkun soġġetta għal eżami mediku biex tiġi żgurata l-kapaċità li twettaq

dmirijiet ta' infermiera / qabla li għandhom jiġu ripetuti kull sena. Barra minn hekk, il-kandidati magħżula jkunu obbligati li jsegwu korsijiet ta' "Lura għan-Nurses / Midwives", kif organizzati minn żmien għal żmien mid-Direttorat tas-Servizzi tal-Infermiera u Qwiebel.

Il-kwalifiki u l-esperjenza li wieħed jgħid li jkollu, għandhom ikunu msaħħa b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopji tagħhom għandhom ikunu mehmuża mal-applikazzjoni flimkien ma' *Curriculum Vitae*, bl-oriġinali li għandhom jiġu preżentati għall-verifika meta jintalbu.

L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li jkunu għadhom fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-Ministeru/Dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li rtiraw jew japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill- Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz Pubbliku mal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi determinat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%. Qed jiġi ċċarat li jekk l-applikant li qed japplika għal din is-sejħa ta' applikazzjoni li kien impjegat tas-Servizz Pubbliku fil-Klassi tal-Infermiera u jkun irtira fi żmien ħdax (11) il-ġimgħa mid-data tal-għeluq, dawn ma jkollhomx għalfejn joqogħdu għal intervista hekk kif parti mill-proċess tal-għażla.

L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-People Management Division, Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Merchant Street, Valletta, VLT1171 permezz tal-Online Government Recruitment Portal **biss** fuq https://recruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu

1. Curriculum Vitae aġġornata (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant).
2. Kopji skenjati tar-Reġistrazzjoni mill-Kunsill Malti tal-Infermiera u l-Qwiebel.
3. Kopji skenjati taċ-Ċertifikati relatati mal-Infermiera u l-Kura tas-Saħħa.

Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq

tal-applikazzjonijiet hija **17:15 (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Diċembru 2026**. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is- sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu filprovedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

Il-proċess tal-għażla jikkunsidra applikazzjonijiet li jaslu sa' dawn id-dati hawn imsemmija hawn taħt:

- Sa 17:15hrs (Ħin Ċentrali Ewropew) ta nhar it - Ġimgħa 17 ta' April 2026.
- Sa 13:30hrs (Ħin Ċentrali Ewropew) ta nhar il - Ġimgħa 17 ta' Lulju 2026.
- Sa 17:15hrs (Ħin Ċentrali Ewropew) ta nhar il - Ġimgħa 16 ta' Ottubru 2026.
- Sa 17:15hrs (Ħin Ċentrali Ewropew) ta nhar il - Ġimgħa 18 ta' Diċembru 2026.

Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

Applikanti jingħataw sa jumejn xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn xogħol mid- data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar; biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

L-indirizz tal-websajt tal-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva huwa https://saħħa.gov.mt, in- numru tal-fax huwa +356 22992604, u l-indirizz tal-email huwa recruitment.health@gov.mt.

Mr. Joseph Chetcuti.
Segretarju Permanenti (Saħħa).

Dr. Renzo De Gabriele.
Segretarju Permanenti (Anzjanità Attiva).

Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva.